MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2007

Numru. 593/2002

Il-Pulizija
(Spettur Jeffrey Cilia )

vs

Paul Kavanagh

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Paul Kavanagh ta’ 24 sena, bin David u Vincenza nee’ Zammit, imwieled l-Ingilterra fit-18 ta’ Jannar, 1978, residenti Garage 8, Bellizzi Estate, Triq San Aristarkus, San Pawl il-Bahar u detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 78301L (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli fil-5 ta’ Lulju, 2002, f’xi hin matul il-gurnata, f’San Pawl il-Bahar ikkometta serq ta’ diversi oggetti, fosthom ‘Sony’ video camera, ‘Kodak’ photo camera, u Nokia mobile phone, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz

u valur li jaccedi l-mitt lira Maltin (LM100) izda mhux aktar minn elf lira Maltin (LM1000) u li sar ghad-detriment ta' Joseph Seisun;

U aktar talli xjentament b'kull mod li jkun, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg, misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentamen, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara taccedi l-hamsin lira Maltin (LM50) izda mhux il-hames mitt lira Maltin (LM500) ghad-detriment ta' Paul Joseph Gauci;

U aktar talli kiser il-provedimenti ta' l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza moghtija lilek mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Awla 8) fil-25 ta' Settembru, 2000, b'liema sentenza kien gie misjub hati ta' reat u liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn;

U aktar talli kiser il-provvedimenti ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta fil-15 ta' Mejju, 2001, b'liema sentenza kien gie misjub hati ta' reat u liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-24 ta' April 2003 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) Fl-artikoli 261(b)(c), 263, 264, 265, 266, 267, 279(a), 280, 334, 325(b), 330, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;

(b) Fl-artikoli 5, 9, 10 u 12 tal-Kapitolu 152;

Semghat lill-imputat fuq imsemmi jwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Rat l-atti ta din il-kawza, d-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment.

Semghat lill-imputat Paul Kavanagh debitament assistit jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijet kollha dedotti kontra tieghu u dan waqt is-seduta tad-19 ta’ April 2007.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kapitlu 9 u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u taghtu zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat Paul Kavanagh il-Qorti tiddikkjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi .

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-fedina penali ta’ l-imputat jirrizulta li din mhux l-ewwel darba li l-imputat kiser difrejh mal-gustizzja, u ghalkemm huwa inghata diversi opportunitajiet sabiex jiriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba huwa ma gharafx japrofitta ruhu minn din l-opportunita’ li inghatatlu. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li ghandha tigi imposta piena karcerarja effettiva. In vista tal-koperazzjoni ta’ l-imputat fil-kors tal-investigazzjonijiet (mill-istqarrija minnu rilaxxjata u esebita a folios 10 u 11), jidher li huwa kien ammetta mal-ewwel l-involviment tieghu, il-Qorti ser timponi piena karcerarja fil-minimu taghha.

Ghaldaqstant u wara li rat l-Artikoli tal-ligi kollha msemmija fin-Nota tal-Avukat Generali ta’ l-24 ta’ April 2003, kif ukoll l-Artikoli 17 u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta’ Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u u tikkundannah ghal prigunerija ta’ ghaxar (10 xhur) .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------